MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 677/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**vs**
**Ivan Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ivan Galea ta' 27 sena bin il-mejjet David u Maria Assunta nee' Galea imwieled Pieta' fil-5 ta' Ottubru 1974 u residenti Blk. A, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta detentur ta' karta ta' identita numru 500774(m) akkuzat talli:

a. fit-28 ta' Frar, 2002 ghall-habta tal-11.00a.m., fi Triq il-Kapuccini fil-Furjana kkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla mhux maghrufa u li huwa stmat li jiswa Lm50.00, minn go vettura ta' l-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni CBF893, ghad-dannu ta' Mario Cassar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa.

b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament gharraq jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira maltin imma izjed minn hamsin lira maltin.

c. Fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa.

d. Kiser il-provediment tal-'probation' Art. 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D., Dr. A. Micallef Trigona LL.D. u Dr. N. Cuschieri LL.D., fit-30/04/02, 22/11/01 u 13/09/01 rispettivament.

e. Sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-imputat fl-udjenza tallum jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti semghet lill-ufficjal tal-probation, rat is-sentenzi esebiti, ikkonsidrat kemm il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat stqarr ix-xewqa li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni. Rat l-Art. 261(b)(c)(g), 264, 267, 268(g), 279, 280, 49, 50, 17, 325(b), 31 tal-Kap 9 u tiddecidi li tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija.

Ghal finijiet tal-akkuza rigwardanti l-ksur tal-ordni tal-probation rat is-sentenza tallum stess fl-ismijiet Spettur Micallef Grimaud vs Ivan Galea deciza minn dina l-Qorti kif kostitwita u tiddikjara l-akkuza relattiva procediment esawrit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------